**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-28 ta' Settembru 2021**

**Kaz. Nru; 181-41**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Guzeppi Scicluna**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Guzeppi Scicluna** bin Carmelo u Carmela xebba Cilia, imwieled Siggiewi nhar it-23 ta' Mejju 1944 residenti gewwa 73, Sacred Heart, Triq il-Qamar, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 523744M, akkuzat talli;

1. Nhar id-19 ta' Marzu 2018 ghal habta ta' 15:00 hrs fl-inhawi tal-Fawwara limiti tas-Siggiewi u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew pprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolarment 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess hin data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew pprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1) (i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna il-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prosekuzzjoni ressqet erba' xhieda fil-kaz odjern. Fiona Burrows in rapprezentanza tal-CABS; Casey Grech in rapprezentanza tal-WBRU, PS1231 Rodrick Agius u PS1030 Clinton Theuma. **Fiona Burrows** iddikjarat li fid-19 ta' Marzu 2018 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar waqt li kienet ma kollega taghha fl-inhawi tal-Fawwara hija rat lill-*qua* imputat johrog minn god-dura u beda jigbor ix-xbieki, l-*electronic bird caller* u l-ghasafar fil-gabbjetti li kienu mdawwrin ma l-istess xbieki. Huwa pogga dawn l-affarijiet fi xkora u mar bihom fil-karozza li kienet ipparkjata fil-vicinanzi. In segwietu ghal dan il-kollega taghha marret tghajjat lill-ufficjali tal-pulizija li kienu ukoll fil-vicinanzi. Hija kkonfermat ukoll bil-gurament il-filmat li hija hadet fuq il-post kif ukoll rapport imhejji minnha dwar dak li hi osservat. **Casey Grech** ikkonfermat bil-gurament li fis-sena 2018 il-Gvern ma hareg l-ebda deroga ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana u ghaldaqstant ma inhargux licenzji specjali tal-insib. Spjegat ukoll li l-insib ghal Malvizz u l-Pluvieri kien maghluq f'Marzu. Konsegwentament kull forma ta' insib kien illegali. **PS1231**, permezz t' affidavit spjega li fid-19 ta' Marzu 2018 ghal-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar rcieva rapport li fl-inhawi tal-Fawwara limiti tas-Siggiewi kien hemm persuna li kienet qed tonsob. Il-pulizija marru fuq il-post indikat fejn hemmhekk sabu lil qua imputat. Wara li l-imsemmi imputat gie mghoti twissijiet legali huwa ammetta mal-pulizija li kien qed jonsob ghal ghasafar ta' l-ghana. Qallhom ukoll li kellu erbgha gojjini li kien qed jonsob bihom izda dawn kien lehaq tefahom fil-vettura tieghu. Scicluna uriehom ukoll il-mansab li kien ghadu armat biex xbiek filwaqt li spjegalhom ukoll li hekk kif ra l-pulizija huwa beda jzarma kollox. **PS1030** spjega li fid-19 ta' Marzu 2018 ghall-habta tat-tlieta nieqsin ghaxra ta' wara

nofshinhar ircieva rapport mill-CABS permezz ta' liema gie nfurmat li kien hemm persuna li kien qed jonsob fl-inhawi tal-Fawwara limiti Siggiewi. Il-Pulizija marru fuq il-post ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar u hemmhekk gie identifikat l-imputat. Huwa jikkonferma li l-imputat nghata twissijiet legali u li sussegwentament ikkonferma maghhom li huwa kien qieghed jonsob pero lahaq tefgha fil-karozza erba' gojjini. Uriehom ukoll il-mansab li kien qed juza.

Illi l-**imputat** ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri fejn bil-gurament huwa qal li l-pulizija fl-ebda hin ma nfurmawh bid-drittijiet tieghu, nnega li huwa kien qed jonsob izda spjega li huwa kien hemm qed jigbor il-bebbux. Fil-fatt huwa ukoll iddikjara li lill-pulizija fl-ebda hin ma qallhom li kien qed jonsob. Spjega ukoll li huwa kien ftit mifxul habba l-kundizzjoni medika tieghu u l-ghaliex kellu bzonn immur l-isptar. Qal ukoll li l-pulizija ghajjtu mieghu. Spjega ukoll li ma ghandux idea x'inhu *bird caller* jew *cassette*. Iddikjara ukoll li l-mansab li wera lill-pulizija kien ilu hemm minn Ottubru u li l-ghasafar (li tefgha fil-karozza) kienu fuq il-post biex jghaddi ftit hin.

Illi fis-sottomissjonijiet finali, l-abbli difensur, apparti sottomissjonijiet in sostenn tal-fatti hekk kif iddikjarati mill-imputat fix-xhieda tieghu spjega li l-ammissjoni lill-pulizija ghandha tigi skartata l-ghaliex huwa ma nghatax id-drittijiet legali tieghu; argumenta ukoll li ma hemmx l-element ta' 'active trapping' rikjest a tenur tal-gurisprudenza tal-Qrati, spjega ukoll li ma kien hemm l-ebda prova tal-uzu tal-lixki. L-abbli difensur argumenta ukoll li l-ewwel imputazzjoni ma tirriflettix ir-regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Ghal dawn ir-ragunijiet l-abbli difensur argumenta li l-imputat ghandu jkun illiberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

1. <u>It-terminologija tal-ewwel imputazzjoni ai termini tar-regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.</u>

L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jistipula l-elementi necessarji sabiex citazzjoni tkun meqjusa valida fit-termini tal-ligi.

> *(2) <u>Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, ugħandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw</u>. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat. (sottolinear ta' dina l-Qorti).*

L-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta fic-citazzjoni taqra:

> *"Nhar id-19 ta' Marzu 2018 ghal habta ta' 15:00 hrs fl-inhawi tal-Fawwara limiti tas-Siggiewi u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew pprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolarment 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta";*

Ir-regolament 4(1)(a) tal-imsemmi Avviz Legali jaqra:

> *Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:*
>
> *(a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti uskond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha.*

Illi minn analizi tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Guzeppi Scicluna jirrizulta li l-imputazzjoni hekk kif dedotta fic-citazzjoni tirrifletti precizament r-regolament hawn fuq citat salv ghar-referenza ghad-data, lok kif ukoll il-fatt li f'dak il-perjodu kien stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar. Il-fatt li l-imputazzjoni taghmel referenza ghall-fatt li l-istagun ghat-tehid tal-ghasafar kien maghluq fit-terminologija uzata ma jnaqqas xejn mill-validita' ta' dina l-imputazzjoni specjalment fid-dawl ta' dak li jistipula l-imsemmi subartikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali.

Dina l-Qorti tinnota ukoll li sussegwentament it-tielet imputazzjoni li giet mghotija a tenur tar-regolament 18(1)(c), liema regolament jipprojbixxi it-tehid tal-ghasafar <u>fi stagun maghluq ghall-insib</u> taghmel referenza ghall-istess data, hin, lok <u>u cirkostanzi</u> msemmija qabel. Ovvjament ic-cirkostanzi jirriflettu l-fatt li fid-data tal-imputazzjoni kien hemm stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar hekk kif spjegat fid-deskrizzjoni tal-ewwel imputazzjoni ai termini tar-regolament 4(1)(a). Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti mill-ufficjal prosekutur huma validi.

2. <u>Ammissjoni mal-Pulizija</u>

Illi fl-ewwel lok dina l-Qorti tosserva li, skond l-affidavits taz-zewgt ufficjali tal-pulizija, wara li l-imputat gie mghoti 't-twissijiet legali' huwa ammetta mal-pulizija li kien qieghed hemm ghall-insib. Fit-testimonjanza tieghu quddiem dina l-Qorti l-istess imputat iddikjara li mhux vera nghata twissijiet legali u lanqas ma qal lill-pulizija li kien fuq is-sit jonsob. Dina l-Qorti fl-ewwel lok

tirrileva li minkejja li l-imputat kien jaf bil-kontenut tal-affidavits ghaliex kien notifikat bihom qabel is-seduta fl-ebda hin ma talab li jsir kontro-ezami tal-istess ufficjali partikolarment f'dan ir-rigward. Fic-cirkostanzi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex raguni l-ghaliex tiddubita minn dak iddikjarat minn PS1231 Rodrick Agius u PS1030 Clinton Theuma li huma tawh 'twissijiet legali' u li in segwietu ghalhekk huwa ammetta maghhom li kien qieghed hemm jonsob. Madanakollu dina l-Qorti ma tistax ma tosservax li fl-affidavits taz-zewgt ufficjali tal-pulizija fl-ebda hin ma gie spjegat dawn it-twissijiet x'kienu jikkonsistu. Lanqas ma jirrizulta mill-istess affidavits jekk l-imputat ezercitax id-dritt tieghu li jkun assistiet legalment minn avukat tal-fiducja tieghu jew altrimenti jekk irrifjutax dan id-dritt. Lanqas ma gie pprezentat rekord bil-miktub ta' dan ir-rifjut (dejjem f'kaz li kien hemm rifjut) a tenur tas-subartikolu 355AUA(6) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti, ma thossx li jkun *safe and satisfactory* li hija tistrieh fuq l-ammissjoni mghotija lill-pulizija f'dawn ic-cirkostanzi meta tigi sabiex tikkunsidra r-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant, ai fini ta' gudizzju, dina l-Qorti ser tipprocedi billi tiskarta l-ammissjoni li l-imputat ta lill-pulizija skond dak iddikjarat fiz-zewgt affidavits ta' PS1231 Rodrick Agius u PS1030 Clinton Theuma.

3. <u>L-element ta' 'jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur'</u>

Illi mill-maggior parti tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kjarament jirrizulta li l-qua imputat, Guzeppi Scicluna, gie osservat inehhi l-ghasafar li kienu fil-gabjetti madwar il-mansab. Dan xehditu Fiona Burrows kif ukoll gie ikkonfermat mill-imputat stess fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti. Il-Qorti rat ukoll il-filmat ipprezentat minn Fiona Burrows li kjarament juri lill-imputat johrog b'pass mghagel ferm mid-dura li kienet vicin ferm tal-mansab u minnufih jibda jzarma l-mansab armat li kellu quddiemu. Fil-fatt kjarament l-imputat gie osservat inehhi l-ghasafar u anke gie osservat idahhal fil-but oggett migbur minn mal-art li allegatament huwa mahsub li kien *bird caller.* Mill-istess filmat jidher car li waqt li l-qua imputat kien qed inehhi l-ghasafar b'mod mghaggel kien qed ihares b'attenzjoni partikolari lejn direzzjoni wahda. Dan juri bic-car li huwa kien qed jirreagixxi b'dan il-mod (u cioe' inehhi l-ghasafar b'mod mghaggel) ghax induna li xi hadd kien qed josservah f'dak li kien qieghed jaghmel u ghax kien konsapevoli li qed jaghmel xi haga kontra l-ligi. Dana jikkontradixxi dak li l-imputat iddikjara bil-gurament quddiem dina l-Qorti meta qal:

> *"...Jien ghax ma kellix faham miblul ghedtlu imxi ha nurik fejn hu l-mansab."*

L-attegjament tieghu hekk kif jirrizulta mill-filmat juri, kuntrarjament ghal dak iddikjarat minnu, li hu kien agitat b'dak li kien qed josserva. Di piu' minn dan il-filmat fl-ebda hin ma rrizulta li l-imputat kien qed jigbor xi bebbux hekk kif huwa ddikjara fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti. Mill-istess filmat jirrizulta car ukoll kif kienu mqassma l-ghasafar madwar il-mansab. Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-mod ta' kif dawn kienu imqassma u mdawwrin mal-mansab huwa kompatibbli ma attivita ta' insib illegali u mhux sabiex '*joqtol il-hin*' hekk kif iddikjarat fit-testimonjanza tieghu.

> *Difiza: "Ghalfejn kont qed tihu l-ghasafar mieghek Sur Scicluna?"*
>
> *Xhud: "Biex noqtol il-hin."*

Di piu' jrid jinghad li kieku kien hemm biex sempliciment 'joqtol il-hin' ma kienx johrog mid-dura u jnehhi l-ghasafar b'mod mghaggel ghax osserva lil xi hadd jew jew xi haga hekk kif jirrizulta li ghamel mill-filmat ezebiet.

Dina l-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-uzu ta' l-*electronic bird caller* hekk kif jirrizulta mix-xhieda mghotija minn Fiona Burrows. Fix-xhieda tieghu l-imputat jiddikjara li dan huwa ma jafx x'inhu. Madanakollu dina l-Qorti ma tistax temmen l-imputat f'dan ir-rigward. Dana tenut kont tal-inkonsistenzi fix-xhieda tieghu anke meta analizzata fid-dawl tal-assjem tal-provi kif ukoll tenut kont il-fatt li l-imputat kellu mansab armat u licenzja ghall-insib ghaldaqstant wiehed jistenna li jkun jaf x'inhu bird caller.

Illi dina l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza fis-16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs. Luciano Mirabitur**</u> fejn gie ddikjarat is-segwenti:

> *Din il-Qorti ssib li l-proesekuzzjoni kemm abbazi tax-xhieda moghtija minn Fiona Burrows u mill-filmat esebit, irnexxielha tiprova din l-imputazzjoni fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. <u>Il-prezenza tax-xbiek mifruxa, tal-gabjetti b'ghasafar hajja fuq dawn ix-xbiek u l-fatt li z-zewg irgiel hargu wicchom mghammad minn kamra li taghti direttament ghal fejn kien hemm ix-xbiek u lgabjetta sabiex jigbru kemm ix-xbiek u l-gabjetti jikkonferma li l-apparat kien intiz ghat-tehid tal-ghasafar. In oltre, minkejja li mill-filmati ma jirrizultawx persuni ghassa ma gemb ix-xibka lesti sabiex jinqabad jew jinqabdu l-ghasafar, dan ma jfissirx li l-element uman kien nieqes u dan stante li l-kamra kienet vicin ferm fejn kienu jinstabu x-xbieki.</u>* (sottolinear ta' dina l-Qorti).

Ghaldaqstant in vista ta' dak suespost, dina l-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi pprezentati, l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli li l-imputat kien fuq is-sit in kwistjoni sabiex jipprova jiehu ghasfur fit-termini tar-regolamenti 4(1)(a), 7(1)(i) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.

4. <u>Protezzjoni ta' ghasafar li jinsabu fis-selvagg fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ai termini tar-regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.</u>

Fis-sentenza deciza fis-16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Luciano Mirabitur</u>** fejn gie ddikjarat is-segwenti:

> *Illi t-tieni imputazzjoni taqra li 'Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadt jew pruvajt tiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn irregolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.'*
>
> *Ir-regolament 4(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 jaqra:*
>
> *'4 (1) Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha: (a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha;'*
>
> *B'differenza mill-ewwel (1) imputazzjoni, din l-imputazzjoni ma tirreferiex ghal meta l-istagun ghat-tehid tal-ghasafar ikun maghluq, izda ghal ghasafar li huma protetti. L-Avukat difensur fit-trattazzjoni ssottomettiet li l-kelma 'protett' f'din l-akkuza ma tfissirx li l-ghasfur huwa wiehed mill-ghasafar protetti f'kwalunkwe zmien tas-sena izda li l-ghasfur huwa kkunsidrat bhala protett peress li fiz-zmien in kwistjoni la darba l-istagun kien maghluq, l-ghasfur ma setghax jinqabad u ghalhekk huwa protett. Fil-fatt ir-regolament 4(1) citat hawn fuq jaqra senjatament li 'Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod natruali hija protetta.' Ghalhekk tenut kont ta' dak ikkunsidrat dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din it-tieni (2) imputazzjoni giet ippruvata ukoll.*

Ghaldaqstant, galadarba mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li l-istagun ghall-insib kien maghluq bil-konsegwenza li ma kienet permessa l-ebda attivita ta' insib fuq kull speci ta' ghasfur, kif ukoll tenut kont li fit-termini tal-imsemmi r-regolament 4(1)(a) stess *"Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta"* jirrizulta ukoll pruvat element iehor tar-regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, senjatament, li prova jiehu ghasfur protett skond ir-regolamenti stipulati fl-imsemmi Avviz Legali.

5. l-Uzu ta' lixki ta' ghasafar protetti u dana bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat a tenur tar-regolament 7(1)(i) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 il-prosekuzzjoni trid ukoll tipprova li l-insib kien qed isir permezz ta' lixki ta' ghasafar protetti. Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li mansab kien armat b'gojjini (hawnhekk qed issir referenza ghax-xiehda ta' Fiona Burrows kif ukoll ghall-filmat ipprezentat minnha). Ghaldaqstant dina l-Qorti tqis ukoll dan ir-rekwizit ippruvat fit-termini tal-ligi.

6. L-istagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ai termini tar-regolament 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.

Illi hekk kif gia nghad mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta kjarament li fid-data mertu tal-imputazzjonijiet odjerni ma nharget l-ebda deroga ghall-insib. Ghaldaqstant fil-fehma ta dina l-Qorti jirrizulta pruvat element iehor a tenur ta' l-artikolu 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 senjatament li l-qua imputat ha jew ipprova jiehu ghasafar waqt stagun maghluq.

Ghaldaqstant in vista ta' dak suespost dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni t-tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat Guzeppi Scicluna.

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ikkunsidrat l-eta` tal-qua imputat; il-fedina penali tieghu, u n-natura u c-cirkostanzi tar-reati dedotti fil-konfront tieghu.

## Decide

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(1)(a); 7(1)(i); u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed issib lil qua imputat, Guzeppi Scicluna, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 2000. Fin-nuqqas ta' hlas tal-imsemmija multa dina tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija ai termini ta' l-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur